2025/2523

12.12.2025

# DEĊIŻJONI (UE) 2025/2523 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-4 ta' Diċembru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-euro *(BĊE/2025/39)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1407 ([1]), f'konformità mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Bulgarija tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga mogħtija lill-Bulgarija msemmija fl-Artikolu 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 ([2]) ser tiġi abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.

(2) L-Artikolu 1, il-punt (d), tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]) jiddefinixxi l-"[i]skema ta' distribuzzjoni ta' karti tal-flus" u jirreferi għall-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema għall-allokazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika sa mill-1 ta' Jannar 2024. Peress li l-Bulgarija se tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2026 u li se japplikaw ponderazzjonijiet ġodda tal-iskema tal-kaptal minn dik id-data, id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 jeħtieġ li tiġi emendata sabiex tiġi ddeterminata l-iskema għall-allokazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 hija emendata kif ġej:

(1) l-aħħar sentenza tal-Artikolu 1, il-punt (d), hija sostitwita b'dan li ġej:
"L-Anness I għal din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema għall-allokazzjoni tal-karti tal-flus li għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2026.";

(2) L-Anness I huwa sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2026.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Diċembru 2025.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1407 tat-8 ta' Lulju 2025 dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2026 (ĠU L, 2025/1407, 14.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1407/oj).

([2]) Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti fit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

([3]) Deċiżjoni BĊE/2010/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/67(1)/oj).

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 huwa mibdul b'li ġej:

*"ANNESS I*

**SKEMA TA' DISTRIBUZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2026**

| | |
|---|---|
| Il-Bank Ċentrali Ewropew | 8,0000 % |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 3,3360 % |
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 1,0875 % |
| Deutsche Bundesbank | 24,2095 % |
| Eesti Pank | 0,2710 % |
| Central Bank of Ireland | 1,9805 % |
| Bank of Greece | 2,0540 % |
| Banco de España | 10,7505 % |
| Banque de France | 18,1865 % |
| Hrvatska narodna banka | 0,7035 % |
| Banca d'Italia | 14,5640 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,2005 % |
| Latvijas Banka | 0,3525 % |
| Lietuvos bankas | 0,5365 % |
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,3310 % |
| Il-Bank Ċentrali ta' Malta | 0,1170 % |
| De Nederlandsche Bank | 5,3710 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 2,6880 % |
| Banco de Portugal | 2,1140 % |
| Banka Slovenije | 0,4495 % |
| Národná banka Slovenska | 1,0455 % |
| Suomen Pankki | 1,6515 % |
| **TOTAL** | **100,0000 %",** |